26 ta' Jannar, 1953.

Imħallef:
L-Onor. Dr. J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.

Carmelo Vella *versus* Commissioned Gunner Steward R. Honour, R.N.

**Bejgħ ta' Ħaġa ta' Ħadd Ieħor — "Hire Purchase System" — Nullità — Art. 1397 u 1422 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Meta l-partijiet, f'bejgħ ta' mobili, jiftehmu fuq l-oġġett u fuq il-prezz, l-oġġett jgħaddi fil-proprjetà tax-xerrej minn dak il-mument stess li fih ikun sar il-ftehim, avvolja l-prezz ikun għadu ma tħallasx. Jiġifieri illi l-bejgħ ikun sar.*

*Imma jekk l-oġġett ma jkunx tal-bejjiegħ, il-bejgħ huwa null, għax ikun bejgħ ta ħaġa ta' ħadd ieħor.*

*Il-bejgħ bil-"hire purchase system" huwa subordinat għall-kondizzjoni tal-ħlas totali tal-prezz, u jsir "reservato dominio" sakemm jiġi effettwat il-ħlas tar-rati kollha tal-prezz; b'mod li l-proprjetà ma tgħaddix għand ix-xerrej qabel ma jkun tħallas il-prezz kollu. Għalhekk, jekk l-oġġett tal-bejgħ huwa ħaġa li qiegħda għand il-venditur b'akkwist magħmul taħt il-"hire purchase system", u l-prezz ta' dik il-ħaġa jkun għadu mhux imħallas kollu, il-bejgħ li jagħmel il-venditur ta' dik il-ħaġa lil ħadd ieħor huwa null, billi l-ħaġa għadha ma tappartjenix lill-venditur, imma lil min biegħhielu bil-"hire purchase system".*

Il-Qorti, — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur talab illi, premessi d-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha neċessarji, u prevja, jekk hemm bżonn, id-dikjarazzjoni li l-konvenut biegħlu, bil-prezz ta' £370, car tal-marka "Morris Minor" b'liċenza nru. 13640, il-konvenut jiġi kundannat jikkonsenjalu l-karrozza fuq imsemmija, fil-waqt li huwa jeżibixxi ruħu pront li jħallas il-prezz relativ mal-konsenja. Bl-ispejjeż kontra l-konvenut, li ġie mħarrek biex jidher għas-subizzjoni;

*Omissis:*

Ikkunsidrat;

Illi jirriżulta illi fid-19 ta' Ottubru 1951 il-konvenut kien akkwista bil-"hire purchase system" minn għand id-ditta "Mizzi Brothers" il-motor car imsemmija fl-att taċ-ċitazzjoni bil-prezz ta' £450, li minnhom huwa ħallas £75 mal-konsenja, u l-kumplament kellu jħallashom b'rati ta' £18 fix-xahar............. Dan l-aħħar il-konvenut, meta kien għadu ma ħallasx il-bilanċ kollu ta' dak il-car lil dik id-ditta, ġieb avviż fil-gazzetti lokali li bihom wera li kien irid ibiegħ dak il-motor car. Fuq dawk l-avviżi, l-attur avviċina l-konvenut biex jixtri l-istess car; huwa ppruvaha u għoġbitu, u l-kontendenti ftehmu fuq il-prezz, fis-sens li l-konvenut ibiegħhielu bi £370. L-attur ried jagħti dak il-prezz dak il-ħin stess tal-ftehim lill-konvenut; imma dana qallu li ma setax jirċievi l-flus u jikkonsenjalu l-car, għaliex dak il-car kien jgħajjat lid-ditta "Mizzi", billi kien għad baqgħalu jħallas il-bilanċ

tal-prezz tiegħu, u kwindi lanqas seta' jagħmillu t-transfer relativ. Għalhekk il-kontendenti ftehmu illi l-għada kellhom jiltaqgħu fil-post tad-ditta msemmija............. Meta ltaqgħu l-għada, il-konvenut irrifjuta li jikkonsenja l-car lill-attur, billi allega illi huwa ma kienx biegħhulu;

Ikkunsidrat;

Illi l-kwistjoni prinċipali f'din il-kawża hija dik li jiġi eżaminat jekk il-konvenut biegħx dak il-car lill-attur, u, jekk biegħhulu, dak il-bejgħ kienx validu jew le;

Illi ma hemmx dubju illi l-konvenut ftiehem ma' l-attur............. biss il-konvenut jallega illi l-attur qatt ma kellu l-pussess ta' l-istess car............. kif ukoll illi l-attur ma ħallsux il-prezz tal-bejgħ. Dwar daqshekk jingħad illi, ladarba l-kontendenti ftehmu fuq il-motor car u fuq il-prezz, għalkemm il-car kien għadu ma ġiex konsenjat lill-attur, u dana kien għadu ma ħallasx il-prezz tal-bejgħ, minn dak il-ħin li sar il-ftehim, il-car normalment għadda bil-proprjetà għand l-attur, jiġifieri l-bejgħ sar (art. 1397 Kap. 23, Vol. XXXIII—I—670);

Illi hija kondizzjoni partikulari għall-oġġett tal-bejgħ illi l-ħaġa trid tkun tappartjeni lill-bejjiegħ, u s-sanzjoni ta' dina l-kondizzjoni hija illi l-bejgħ tar-"res aliena" hu null (art. 1422 Kap. 23). Issa, fil-każ taħt eżami, il-konvenut ma kienx proprjetarju ta' dak il-car. Kif intqal, dak il-car kien għand il-konvenut bil-"hire purchase system", u huwa kien għadu ma ħallasx ir-rati kollha li kellu jagħti għas-sald tal-prezz tiegħu. Skond id-dottrina, il-kuntratti tal-"hire purchase system" huma kunsidrati "ab initio" bħala kuntratti ta' bejgħ, subordinati għall-kondizzjoni tal-pagament totali tal-prezz (Vol. XXIX—III—377). Għalhekk, billi l-bejgħ tal-car li sar mid-ditta "Mizzi Brothers" sar bil-kondizzjoni tar-"reservato dominio", sakemm jitħallsu r-rati kollha tal-prezz miftiehem, il-proprjetà ta' l-istess car baqgħet għand l-istess ditta, billi l-konvenut kien għadu ma ħallasx ir-rati kollha bilanċjali tal-prezz tal-bejgħ tiegħu (Vol. XXVIII—III—697; XXX—III—388). Konsegwentement il-bejgħ tal-car li l-konvenut għamel lill-attur kien u hu null;

Ikkunsidrat;

Illi, minħabba li ntlaħqet dina l-konklużjoni tan-nullità ta' dak il-bejgħ, ma hemmx lok li jiġu eżaminati l-eċċezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut;

Illi l-attur ma għandu xejn x'jilmenta fuq l-aġir tal-konvenut. Huwa kien jaf illi l-car kien għand il-konvenut bil-"hire purchase system", u kien jaf kif jopera dan ix-xorta ta' bejgħ, billi, kif irriżulta, ġie li hu stess xtara cars, anki minn għand l-istess "Mizzi Brothers", b'dak il-mod;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tiddeċidi billi tirrespinġi t-talba ta' l-attur; bl-ispejjeż kontra tiegħu.